# L-Evoluzzjoni tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Ħal Lew

*Mill-Medjevali għall-Barokk*

**Kitba ta' Joseph Magro**

## Introduzzjoni

Inkitbu diversi artikli dwar il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena li tinsab f'Ħal Lew fil-limiti tal-Qrendi. L-aktar artiklu antik li rnexxili nsib kien ippublikat minn Leopoldo Fiteni, '*Le Conversazioni di Filoteo*', fil-'*Giornale Cattolico*' tal-1841.[1]

'*L'antichita di questa Chiesa si fa rimontare al secolo 13zo. Essendo rifabbricata l'alttuale chiesa nello stesso luogo dell'antica, di questa non rimane alcun vestigio, ma si vuole, che la sua forma fosse a tempio al pari dell'antica chiesa di san Matteo appostolo. La rinnovazione di questa chiesa, che fu profanata dal Visitatore Apostolico monsignor Duzina nel 1575, ebbe principio nel 1650 e non molto dopo fu terminata, indi nel 1688 al lato destro della medesima è stata inalzata una decente Sacriestia*'.

Fl-1866, l-istoriku Achille Ferres ippublika tagħrif fuq din il-Knisja.[2] Għalkemm ma kienx sostnut b'dokumenti, l-artiklu kien korrett fil-kontenut tiegħu.




*Ritratt antik tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena (Misluf mis-Sur Tony Terribile)*

## Ir-Raħal ta' Ħal Lew

Din il-knisja kienet il-maqdes prinċipali tar-raħal ta' Ħal Lew li kien bejn il-Qrendi u ż-Żurrieq.[3] Fiteni jsostni li din il-knisja saret viċi parroċċa taż-Żurrieq meta dan sar parroċċa fl-1436.[4]

Referenza bikrija għal Ħal Lew nsibuha fil-lista tal-Militia tal-1419, fejn tirreferi għas-sebgħa u għoxrin membru minn dan ir raħal.[5]

L-isem Ħal Lew[6] huwa derivazzjoni ta' l-isem Ludi 'Leo'. Dan jikkuntrasta ħafna mal-fatt li Ħal Manin, ir-raħal ġar tiegħu, bil-latin jfisser ir-raħal ta' l-Armeni.

L-Isqof Senatore de Mello fil-Vista Pastorali li għamel fl-1436 kiteb li Ħal Lew, flimkien ma' Ħal Manin, Ħal Millieri, Bubaqra, Filfla u l-Qrendi, kienu għadhom jagħmlu parti miż-Żurrieq.

Referenza oħra għal dan ir-raħal, tidher f'att notarili li jġib id-data ta' l-1487.[7] B'dan l-att, tlett aħwa Lhud mill-Imdina, *Semah*, *Hafes* u *Josep Levi*, biegħu għalqa lil Salvu Calabru minn Ħal Lew. Giovanntonio Ciantar

---

1 Giornale Cattolico intitolato Le Conversazione di Filoteo compilato da Leopoldo Fiteni, Dottore in Sacra Teologia, Arciprete e Parroco della S. Insigne Collegiate e Parrochiale chiesa dell'invitta Città Senglea, semestre secondo, Tipografia di Francesco Cumbo, Malta, 1841.

2 Ferres A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, p. 493.

3 Giornale Cattolico intitolato Le Conversazione di Filoteo compilato da Leopoldo Fiteni, Dottore in Sacra Teologia, Arciprete e Parroco della S. Insigne Collegiate e Parrochiale chiesa dell'invitta Città Senglea, semestre secondo, Tipografia di Francesco Cumbo, Malta, 1841, p. 331.

4 Ibid, p. 331.

5 Wettinger G., *Lost villages and hamlets of Malta*, in Luttrell, A.T. (ed.), Medieval Malta – Studies on the Malta before the Knights, London; the British School at Rome, p. 186.

6 Denominazzjonijiet oħra ta' l-isem Ħal Lew huma: Casal Leu, Casal Leo u Casal Lew

7 Welsh A. N., *The Church of Our Lady of Mercy - Tal-Ħniena, Qrendi*, in Treasures of Malta, Fondazzjoni Partimonju Malti, Malta, 2003, p. 11.

fil-pubblikazzjoni *'Malta Illustrata'*, ta stampa tal-popolazzjoni ta' dan ir-raħal u ż-żewġt irħula viċin tiegħu. Huwa kiteb li fil-villaġġi ta' Ħal Lew, Ħal Manin u magħhom il-Qrendi, kien hemm 202 djar u popolazzjoni ta' 1024.[8]

## Il-Knisja Medjevali

Il-Viżitatur Appostoliku f'Malta, Mons. Pietro Dusina, fil-Vista Pastorali ta' l-1575 isemmi li fir-raħal ta' Ħal Lew kien hemm 3 kappelli u 22 familja.[9] Dawn il-kappelli kienu ddedikati lill-Annunzazzjoni tal-Madonna, Santa Katerina u t-Twelid tal-Madonna. Hemm indikazzjoni li kienet il-kappella tat-Twelid tal-Madonna li aktar tard żviluppat fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena, u li x'aktarx nbniet ukoll fuq l-istess post. Din il-kappella kellha artal wieħed u kienet fi stat ħażin ħafna, saħansitra lanqas bieb biex joffri protezzjoni ma kellha. Aktar minn hekk ma kinitx mgħammra għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, la kellha rettur, u lanqas beni u benefiċċji. Mons. Dusina ordna lil Johanellus Psaila, prokuratur ta' din il-kappella, biex jipprovdilha bieb u b'kawża ta' hekk ipprofanaha temporanjament sakemm l-ordni tiegħu kellha tiġi esegwita. Jidher li dan Psaila kien joqgħod fl-inħawi ta' din il-kappella u kien obbligat li jħallas għall-kant tal-vespri u għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa fil-ġurnata tal-festa. Kien ukoll obbligat li joffri ikla liċ-ċelebrant u lil erbgħa foqra mir-raħal.

Jidher li l-ordni ta' Dusina ġiet esegwita, u l-kappella reġgħet bdiet tintuża mill-ġdid. Dan huwa ndikat fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Balthassar Cagliares, li saret fl-1 ta' Ġunju 1621.[10] Deskrizzjoni aktar dettaljata ta' din il-kappella ingħatat fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Miguel Juan Balaguer Camarasa li saret fit-8 ta' Frar 1636.[11] Il-kappella kienet deskritta bħala tipikament medjevali, msaqqfa fuq tliet ħnejjiet għall-ponta, bl-art iċċangata b'ċangaturi tal-ġebel u b'bank tal-ġebel mad-dawra. Dan l-istil huwa simili ma' kappelli oħra medjevali bħal-Lunzjata ta' Ħal Millieri, San Mattew tal-Maqluba u San Ċir ta' Bubaqra. L-istess dokument jurina li l-kappella kellha zuntier quddiemha li kien seta' jintuża bħala ċimiterju, iżda ebda dfin fih ma kien għadu sar sa dak iż-żmien.

Jidher li d-devozzjoni u l-grazzji li bdew jinqalgħu permess ta' l-interċessjoni tal-Madonna meqjuma f'din il-kappella kienu kibru tant, li għalkemm il-festa baqgħet issir nhar it-Twelid tal-Madonna, il-kappella bdiet tiġi msejħa bit-titlu tal-Madonna tal-Grazzja. Id-daqs tal-kappella kien sar tant żgħir għan-numru tad-devoti li kienu jiffrekwentawha, li ġie deċiż li l-kappella kellha titwaqqa u flokha tinbena l-knisja li hemm preżenti.


*Kwadru titulari*

## Il-Bini mill-Ġdid tal-Knisja fl-1650

Il-knisja li teżisti llum nbniet fl-1650. Konferma ta' dan ingħatat fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Balaguer Camarasa li saret fit-28 ta' Novembru 1658.[12] Huwa kiteb li l-knisja kienet nbniet tmien snin qabel fuq l-istess post ta' kappella aktar antika ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Vista Pastorali ta' l-Isqof Michele Giovanni Molina kif reġistrat fid-dokument *"Stato di Tutte le Chiese della Diocesi di Malta"*.[13]

S'issa, għadni ma sibt l-ebda dokument li jitfa' dawl fuq min kien l-arkitett u l-bennej ta' din il-knisja u kemm swiet. Sfortunatament, id-dokumenti li ltqajt magħhom fuq din il-knisja fl-Arkivji Arċiveskovili jibdew mit-23 ta' Mejju 1663, għalkemm hemm numru kbir ta' dokumenti oħra li għadhom lanqas biss ġew katagolati. 'Il quddiem jista' jagħti l-każ li xi dokumenti oħra jinstabu u joħroġ aktar dawl fuq dan il-fatt.

---

8 Ciantar G., *Malta Illustrata, Vol. 1*, Malta 1772, p. 304.
9 NLM, 643, VP Dusina 1575, f. 67.
10 AAM, *VP11*, Cagliares 1621-31, ff. 68, 69.
11 AAM, *VP13*, Balaguer 1635-37, f.130.
12 AAM, *VP17*, Balaguer 1656-59, f. 114.
13 ACM, *MISC 180*, Stato di tutte le chiese della Diocesi di Malta, f. 200.

Id-dokumenti u reġistri tal-kontijiet, jagħtu tagħrif fid-dettal ta' l-ismijiet, snajja' u pagamenti li tħallsu għall-bini tas-sagristija, portiku, zuntier, stalel, kampnar, bir, ġiebja u d-dwejra ta' l-attendent tal-knisja.

L-istil ta' din il-knisja huwa tipiku ta' dak iż-żmien, fuq għamla ta' salib latin, i.e. korsija twila, u żewġ kappelluni u kor iqsar maħruġa fi tliet frieghi minn ġo l-artal, li kien sar il-qofol ta' kollox. Il-korsija tal-knisja hija msaqqfa bi troll dritt ittraversat bil-lunetti ta' fuq it-twieqi, filwaqt li l-kappelluni u l-kor huma msaqqfa b'xorok ingaljati ġol-ħnejjiet. It-troll ma ġiex mqatta' b'kaxxettuni kif kienet l-użanza Maltija f'dak iż-żmien. Il-fatt li dan tħalla lixx, imdawwal tajjeb, u lest għall-pittura jixbaħ soqfa oħra ta' knejjes barokki f'Ruma. Dan kien stil pjuttost modern għal dak il-perjodu. Kien għadu qiegħed jiġi ntroddot f'Malta mill-arkitett, Francesco Buonamici (1596-1677)[14] għall-proġett tal-bini tas-saqaf tal-knisja tal-Ġiżwiti fi Triq il-Merkanti il-belt Valletta, fl-1647. L-artal huwa msaqqaf b'koppla lixxa mingħajr tanbur, merfugħa fuq il-lunetti maqbuda bejn l-erba' arkati tagħha.

## Santwarju Marjan Popolari u Devot

Jidher li din il-knisja kienet waħda mill-aktar santwarji Marjani popolari u devoti. Ferres kiteb li dan is-santwarju kien it-tieni l-aktar frekwentat mill-pellegrini wara s-santwarju tal-Mellieħa.[15] Kummenti bħal '*veneratione decente*',[16] '*frequentata*',[17] '*una delle chiese piu frequentate dalla Diocesi*'[18], huma komuni.

Skrizzjoni mikxufa riċenti fuq il-bieb maġġur tal-knisja taqra '*Spes Unica Afflictorum*', li tfisser 'it-tama waħdanija ta' l-imnikktin, tindika d-devozzjoni kbira lejn il-Madonna. Prova oħra tad-devozzjoni u tal-grazzji li kienu jinqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna huma n-numru kbir ta' kwadri ex-voto li sa ftit taż-żmien ilu kienu mdendlin fil-knisja. Dawn il-kwadri kienu juru xeni ta' inċidenti marittimi, fejqan mill-mard u xeni oħra drammatiċi. Fuq ħafna minnhom, f'xi rokna, hemm ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin u l-kelmiet VFGA abbrevjazzjoni tal-kelmiet '*VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPIT*' li jfissru 'għamel wegħda qala' l-grazzja.'



***Uħud mill-kwadri Ex-voto***

Fost il-ħafna devoti, nsibu lil Baliff Wolfgang, Philippus von Guttenburg u Joaquín Canaves minn Majorca li kien ordnat Isqof ta' Malta mill-Papa Clement XI fit-30 ta' Awwissu 1717.[19] Guttenberg, benefattur kbir ta' l-Ordni ta' San Ġwann, kellu dar tal-kampanja ma' ġenb din il-knisja. Fost id-donazzjonijiet li rregala lill-Madonna f'dan is-santwarju hemm numru ta' kwadri (seba' għadhom jeżistu u jġibu l-istemma tal-familja Guttenburg), kurċifiss ta' l-injam, fonti ta' l-ilma mbierek u statwa tal-kartapesta stil spanjol li turi x-xbiha tal-Madonna liebsa libsa bajda b'velu ċelesti fuq rasha.

Fl-inventarju tal-beni li sar wara l-mewt tal-Mons. Canaves f'Ġunju 1721, jidhru numru ta' ventaltari, tvalji, pjaneti, missal, kalċijiet, pittura, għamara u ornamenti oħra li ġew irregalati lil din il-Knisja.[20]

---

[14] Francesco Buonamici, arkitett minn Lucca, ġie Malta fl-1635 bħala assistent ta' Pietro Paolo Floriani għall-bini tas-swar li jdawru l-Floriana. Huwa kien strumentali biex daħal l-istil barokk f'Malta. Huwa attribwit bil-bini tal-knisja ta' San Nikola (mibdija fl-1652), il-knisja u kulleġġ tal-Ġiżwiti (1647), id-djar bin-numri 24 u 28, Triq l-Ifran (c. 1635) u Hostel de Verdelin (c. 1650) kollha fil-belt Valletta, il-Palazz ta' l-inkwiżitur, fil-Birgu (qabel 1660), Palazz ieħor fuq ix-xatt tal-Birgu, u l-knisja ta' San Pawl u l-kulleġġ ta' Wignacourt fir-Rabat.

[15] Ferres A., *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, Facsimile edition, Malta, 1985, First published 1866, p. 493.

[16] AAM, *VP17*, Balaguer 1656-59, f. 113.

[17] AAM, *VP 20*, 1667-68 Lucas Buenos, ff. 489, 490.

[18] ACM, *MISC 180*, Stato di tutte le chiese della Diocesi di Malta, f. 200.

[19] Bonnici A., *History of the Church in Malta, Vol II*, Malta, 1968, p. 15.

[20] AAM, *Inventari*, 1663-1725, ff. 377-380.

# L-Evoluzzjoni tal-Knisja wara l-1670



*Disinn tal-faċċata ta' quddiem*



*Disinn tal-faċċata tal-ġenb*

Fl-1670 tħaffer il-bir li hemm fiz-zuntier,[21] biex minnu jkunu jistgħu jixorbu l-pellegrini u l-bhejjem tagħhom. Dan it-tħaffir sewa s-somma ta' 7 skudi u 10 tari. Għax-xiri tal-materjal li ntuża għat-tbattim ta' l-istess bir u x-xogħol, li sar minn Alberto Farrugia, Gratio Griech (sic), Giuseppe Psaila u Damiano Schicluna (sic) intefqet is-somma ta' 1 skud u 6 tari. Id-data 1873 li hemm fuq il-ħorża tal-bir tindika s-sena ta' meta saret din il-ħorża.

Mibni għall-kenn tal-pellegrini, il-portiku ta' quddiem il-knisja tlesta fl-1672.[22] Inbena fuq l-inizjattiva ta' Mro. Giovanni Schembri mill-Imqabba,[23] prokuratur ta' l-istess knisja. L-istil tal-portiku huwa sempliċi, ħames arkati mserrħin fuq pilastri rqaq, tlieta minnhom jħarsu lejn il-punent u t-tnejn l-oħra lejn it-tramuntana. Il-kantunieri tiegħu huma mżejna b'erba' niċeċ bi statwi ġo fihom. Tlieta minn dawn l-istatwi jidhru ċari li jirrappreżentaw lil San Alwiġi Gonzaga, San Duminku u San Franġisk t'Assisi. Ir-raba' waħda mhix ċara lil min tirrappreżenta imma x'aktarx tirrappreżenta lil San Gejtanu. L-iskultur ta' dawn l-istatwi mhux magħruf, iżda mill-istil tagħhom jidhru li huma xogħol tas-seklu tmintax. *Skarpellini* li jissemmew mal-bini tal-portiku huma Mro. Silvo u Gio. Maria Saliba. Jidher li l-portiku u dawn l-istatwi kienu jinżebgħu fil-passat għax għad għandhom traċċi ta' tibjid fuqhom.

Mir-reġistru tal-kontijiet joħroġ ċar li l-bennej jew kuntrattur ta' dan il-portiku kien l-istess prokuratur Mro. Giovanni Schembri.[24] L-istess reġistru jagħti l-ismijiet tal-ħaddiema li għenuh, is-snajja' tagħhom u kemm tħallsu. Tissemma wkoll l-ispiża għall-materjali, fosthom ix-xiri tal-ġir, l-injam għall-ilqugħ tal-ħnejjiet u t-travi tas-saqaf. Il-ġebel inqata' mill-barriera ta' Pasquale Zahra u uliedu.[25]

Il-Knisja hija xuxxata fuq zuntier, skond it-teżi ta' l-arkitett Taljan Leon Battista Alberti. Dan u warajh il-konċilju ta' Trentu saħqu li l-knejjes kellhom jintlaħqu b'indana taraġ.[26] L-Isqof ta' Milan San Carlo Borromeo indika li l-knejjes kellhom jintlaħqu minn ħames tarġiet. Fil-każ tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena, din it-teorija kienet osservata. Illum minħabba tibdil fil-livell tat-triq, iż-żewġ tarġiet ta' quddiem ma għadhomx jidhru. Jidher li l-balavostrada li hemm illum mhix l-originali li nbniet fil-1670[27] iżda kienet inbidlet fl-1713[28] mill-aħwa Matteolo u Michele Farrugia.

L-ispiża totali għall-bini tal-portiku, zuntier u l-bir laħqet is-somma ta' 121skudi, 8 tari u 18 grani.[29]

Fl-1680-81 inbniet dwejra żgħira għall-attendent tal-knisja u stalla għall-bhejjem tal-pellegrini.[30] L-ispiża ta' dawn iż-żewġt ikmamar laħqet is-somma ta' 97 skudi, 6 tari u 1 grano.[31]

---

[21] AAM, *Conti*, Vol 16, 1663-1726, 1 - Chiesa S. Maria Tal-Hniena, f. 34.
[22] AAM, *Conti*, Vol 16, 1663-1726, 1 - Chiesa S. Maria Tal-Hniena, ff. 34-36.
[23] Mro. Giovanni Schembri prokuratur tal-knisja miet fit-8 ta' Diċembru 1702, festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fl-età ta' 89.
[24] AAM, *Conti*, Vol 16, 1663-1726, 1 - Chiesa S. Maria Tal-Hniena, ff. 34, 35.
[25] AAM, *Conti*, Vol 16, 1663-1726, 1 - Chiesa S. Maria Tal-Hniena, f. 36.
[26] Hughes Q., *The Building of Malta during the period of the Knights of St. John of Jerusalem 1530-1795*, London, 1967, p. 55.
[27] AAM, *Conti*, Vol 16, 1663-1726, 1 - Chiesa S. Maria Tal-Hniena, f. 34.
[28] AAM, *Conti*, Vol 17, 1663-1691, 8 - Casal Leu, f. 34.
[29] AAM, *Conti*, Vol 17, 1663-1691, 1 - Casal Leu, f. 36.
[30] AAM, *Conti*, Vol 16, 1663-1726, 1 - Chiesa S. Maria Tal-Hniena, f. 37.
[31] AAM, *Conti*, Vol 17, 1663-1691, 1 - Casal Leu, f. 36.

Fażi importanti fil-bini tal-kumpless tal-knisja kienet il-bini tas-sagristija bejn l-1686-88 għal spiża li laħqet is-somma ta' 127 skudi u 1 tari.[32] Is-sagristija hija msaqqfa b'volta bil-kaxxettuni. Għandha tliet entraturi, tnejn minnhom minn ġol-knisja u l-oħra minn taħt il-portiku.

Il-kampnar, li qiegħed fuq il-kappellun tat-tramuntana, nbena fl-1697.[33] Jidher li fuqu kellu salib żgħir tal-ġebel. Il-bini tal-kampnar ħa minn tmienja sa disat ijiem biex tlesta u x-xogħol sar min Gio. Farrugia, Vincenso Zahra, Paulino Magro u Matteo Mizzi. Huma kienu mħallsin 12 skudi u 4 tari għal dan ix-xogħol. Barra minn hekk il-prokuratur tal-knisja offrielhom tliet ikliet b'xejn biex jikkumpensahom talli ħadmu fi tlett ijiem festivi bla ħlas. Skond l-att notarili tan-Nutar Bartolomeo di Pasquali, iddatat 31 ta' Ottubru 1697, il-qanpiena tal-bronż li hemm fil-kampnar saret mill-arġentier magħruf Malti Antonio Famucelli, għall-prezz ta' 45 skudi u 6 tari. Il-ħadida li magħha hija mdendla l-qanpiena ħadimha l-ħaddied Dumink miż-Żurrieq u swiet 4 skudi. Ħaddied ieħor bl-isem ta' Francesco mill-Birgu kellu x'jaqsam ukoll u ġie mħallas 1 skud. L-ispiża totali laħqet is-somma ta' 51 skudi u 4 tari.

Fl-istess sena saret is-sistema tal-katusi biex jitwassal l-ilma tax-xita li jinġabar fuq il-bejt tal-knisja għal ġol-ġiebja. Parti mis-sistema hija midfuna ġol-ħajt tal-knisja u taħt l-art. L-ispiża laħqet is-somma ta' 3 skudi u 6 tari, u kienet tinkludi x-xiri tal-ġir u l-katusi flimkien max-xogħol neċessarju.

Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb il-principali tal-knisja, hemm gallerija ta' l-injam. Tintlaħaq minn garigor, u għandu bieb separat, li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-bieb il-kbir. Din kienet tintuża mill-mużiċisti fiċ-ċelebrazzjonijiet festivi. Festi li kienu jkunu ċċelebrati f'din il-knisja kienu: il-Kunċizzjoni, it-Tlugħ fis-Sema, il-Purifikazzjoni, l-Annunzazzjoni, in-Natività, il-Visitazzjoni u l-Preżentazzjoni tal-Madonna. Ma' dawn il-festi Marjani, kienet tkun ukoll iċċelebrata l-festa ta' Sant' Antnin.

Din il-gallerija saret fl-1702, fi żmien il-prokuratur Mro. Giovanni Schembri, u hija magħmula minn twavel u serratizzi ta' l-aħmar.[34] Skond il-kontijiet li ppreżenta Dun Gregorio Schembri, iben l-imsemmi prokuratur, l-injam biex saret il-gallerija nxtara mingħand Mro. Salvo Bartolo għall-prezz ta' 14-il skud, filwaqt li t-travu ta' l-injam li fuqu sserraħ il-gallerija nxtara mingħand Giuseppe ta' Bormla għall-prezz ta' 5 skudi, 6 tari. Il-mastrudaxxa li ħadem din il-gallerija kien Mro. Domenico u tħallas 21 skud skond stima li kien għamel Mro. Marco mill-Belt. Il-bieb tal-gallerija nħadem minn twavel ta' l-injam li nxtraw għall-prezz ta' 5 tari, u sewa 2 tari biex inħadem.

Jidher li biex saret din il-gallerija kellha titwaqqa' xi struttura li kien hemm qabilha. Illum għadek tista' tara erba' saqajn ta' ħnejjiet. Anke l-istruttura tal-garigor saret mat-twaqqif ta' din il-gallerija u tidher li hija xi ħaġa miżjuda. L-istess reġistru tal-kontijiet jikkonferma dan. Hemm referenzi għax-xiri ta' diversi ġebel u xogħol tal-bini li sar mill-bennej Natale Hagijus (sic), megħjun minn Eugenio Formosa, Mro. Gio. Maria Callus, Salvatore Bugeja u Angelo Psaila.



*Dettall tas-saqajn tal-ħnejjiet*

Skond l-att notarili tan-Nutar Giuseppe Psaila, il-pittur Mro. Giocchino Loretta, alliev tal-pittur magħruf Mattia Preti, tħallas 32 skud għall-erba' kwadri li pitter biex iżejnu l-lunetti. Tnejn minnhom għadhom jeżistu għalkemm qegħdin fi stat ħażin ħafna. Dawn juru l-Adorazzjoni tar-Ragħajja u l-Adorazzjoni tal-Maġi lil Ġesù Bambin.

Fl-1710-11, fi żmien il-prokuratur Giuseppe Camilleri, b'digriet ta' l-Isqof, tkabbret id-dwejra ta' l-attendent u nbniet stalla oħra.[35] Dan ix-xogħol sar minn Mro. Gio. Maria Farruġia u sewa 7 skud u 2 tari skond stima li

[32] Ibid, f. 36.
[33] AAM, *Conti*, Vol 17, 1663-1691, 2 - Casal Leu, f 48.
[34] AAM, *Conti*, Vol 17, 1663-1691, 5 - Casal Leu, f. 39.
[35] AAM, *Conti*, Vol 17, 1708-1712, 6 - Casal Leu, f. 43.



*Ritratt ta' l-1968 juri ż-żewġ stalel faċċata ta' xulxin. (Misluf mill-Professur Mario Buhagiar bil-permess ta' Heritage Malta)*




*Survey sheet no. 128 ta' l-1911. (Mislufa mill-uffiċċju taċ-Chief Draughtsman – Dipartiment tax-Xogħlijiet)*

kien għamel Mro. Salvatore Borg.[36] Illum waħda miż-żewġ stalel u d-dar ta' l-attendent twaqqgħu biex inbnew xi djar privati. L-istalla l-oħra hija dik l-istruttura bi tliet ħnejjiet fuq il-faċċata, nofsha mwaqqa' maġenb il-knisja.

## Xogħol Li Mhux Iddokumentat bejn Ottubru 1715 u Mejju 1716

Bejn Ottubru 1715 u Mejju 1716 fi żmien l-istess prokuratur, sar xogħol estensiv fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Ir-reġistri tal-kontijiet jagħtu ħafna dettalji fuq l-ismijiet tal-ħaddiema nvoluti, is-snajja' tagħhom, u kemm tħallsu iżda ma jispeċifikax x'kien sar xogħol. Ħafna mis-snajja' msemmija kienu ta' *baccugnieri*, *peritore*, *manuali*, *scarpellini*, *muratori*, *lavoratori* u *bordnari*. Minn dawn is-snajja' tista' tikkonkludi li kien sar xi xogħol ta' skultura u xogħol estensiv ta' bini. Dan iwasslek biex tikkonkludi li f'dan il-perjodu saret il-prospettiva barokka ta' madwar il-kwadru fuq l-artal maġġur u l-iskultura tal-pilastri tal-balovostrada li hemm fuq iz-zuntier. Din l-iskultura hija attribwita lil Mro. Pietro Paolo Zahra missier il-pittur famuż, Francesco Zahra.[37] S'issa għadni ma sibtx dokumenti li jsostnu din l-attribuzzjoni. Scarpellini li huma msemmija b'konnessjoni max-xogħol li sar huma Mro. Giovanni Debono u Mro. Lorenzo Chircop.[38] Din il-prospettiva saret flok oħra aktar sempliċi, u li tissemma fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Michele Giovanni Molina li saret fit-3 ta' Mejju 1679.[39] Huwa jiddeskrivi li l-kwadru tal-Madonna bil-Bambin u San Gejtanu, kien imdawwar bi gwarniċ tal-ġebel, b'partijiet miżbugħa ċelesti u partijiet indurati. Taħt il-kwadru kien hemm niċċa ovali magħluqa bi gradilja tal-ħadid.



*Prospettiva barokka ta' madwar il-kwadru fuq l-artal maġġur.*

F'dan il-perjodu seta' sar ukoll l-ilqugħ li qed idawwar il-knisja minn barra minħabba xi ċaqliq li kien inħass fl-istruttura. Dan huwa evidenti minn konsenturi li fiha l-knisja.

[36] Mro. Salvatore Borg twieled is-Siġġiewi nhar is-17 ta' Novembru 1662 u miet fit-18 ta' Settembru 1733. Bħal Lorenzo Gafà u Giovanni Barbara kien kapaċi kemm bħala bennej u arkitett. Huwa ddisinja u bena l-faċċata tal-knisja tad-Dumnikani magħrufa bħala tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat. Kellu x'jaqsam fil-kappella ta' San Publiju li tiġi fuq il-grotta ta' San Pawl ukoll fir-Rabat, u fil-bini tal-knisja ta' Sant Elena f'Birkirkara.

[37] Is-Sur Tony Mangion issuġġerixxa li l-iskultura ta' madwar il-kwadru titulari kienet ta' Pietro Paolo Zahra.

[38] APQ, *Djarju tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena*, pp. 187, 189.

[39] AAM, *VP 22*, Molina 1678-80, Vol. 2, f. 249, 249A.

## Xogħol Li Sar fl-1968

Fl-1968 sar attentat biex tiġi restawrata l-knisja minn ġewwa. Peress li dan ix-xogħol ma sarx b'mod xjentifiku, dan ir-restawr għamel aktar ħsara milli ġid. Minħabba li l-parti t'isfel bdiet tfarfar u tmermer b'konsegwenza ta' l-umdità, kien deċiż li l-knisja kellha tinkesa b'kisja ta' siment u ramel għolja tliet metri u tinżeba' minn ġewwa bi *Plastic Emulsion Paint* kulur *Magnolia*. Din il-kisja ma swiet xejn ħlief biex kompliet tgħolli aktar il-livell ta' l-umdità, filwaqt li ż-żebgħa għattiet darba għal dejjem il-polikromija li kien hemm fl-altar maġġur u fil-koppla.





*Ritratti ta' l-1968 juru l-polikromija li kien hemm fl-altar maġġur u fil-koppla qabel inżebgħu. (Mislufa mis-Sur Pinu Axiak u mill-Professur Mario Buhagiar bil-permess ta' Heritage Malta)*

## Appell

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu b'appell, biex jingħaqdu l-assoċjazzjonijiet kollha tal-Qrendi biex nerġgħu nagħtu lil din il-knisja d-dinjità li kellha u li jixraqilha. Sfortunatament din il-knisja kienet rikka ħafna u armata b'kollox iżda llum tinsab f'telqa kbira u żarmata minn kollox.

ĦAĠAR QIM
BAR & RESTAURANT
Prop. J. Cini • Tel: 7949 7329 • 7943 7329, 2142 4116
*Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb għall-arja tal-kampanja f'ambjent kwiet u sabiħ, iżjed qrib in-natura.*
*SPEĊJALI FIL-FNIEK – SET MENU – SNACKS – A LA CARTE – BUFFET*
***Friday Night...****live entertainment &* ***Saturday Night...****Country Night Music*
**Niftħu mit-Tnejn sas-Sibt bejn l-10.00a.m. u l-4.00p.m. u mis-7.00p.m. 'il quddiem • Il-Ħadd il-ġurnata kollha**